MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 300/2008/1

**Talba Numru : 300/2008/GMA**

**Mary Rose Mifsud**

**vs**

**Chris Bugeja**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-27 ta' Gunju 2011 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal****,*

*Ra l-Avviz tal-attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' elfejn sitta u disghin*

*ewro erbgha u erbghin centezmu (€2,096.44), somma rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' flus mislufa mill-attrici lill-konvenut.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 6679/07 taht l-Artikolu 166A tal-Kap.12 datata 27 ta' Novembru 2007 u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.*

*Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba tal-attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li hija qatt ma tat xejn lill-konvenut b'titolu ta' self u ghalhekk m'ghandu xejn x'jaghti lilha.*

*Salv risposta ulterjuri.*

*Ra x-xhieda tal-attrici li spjegat li kienet saret taf lill-konvenut mill-Ghaqda Dipendenti Suldati, fejn kienet segretarja. Kien raha fuq il-programm Xarabank u kien cemplilha. Tichad li kienu ltaqghu l-Fuego. Kien beda jmur ighidilha dwar l-ilmenti tas-suldati, imbaghad aktar m'ghadda z-zmien beda jsir aktar personali.*

*Tghid li l-konvenut kien semma' li kellu problemi finanzjarji biex ihallas permess ghall-bini. Kienet marret mieghu ghand l-avukat Dr. Gavin Gulia biex tikkonferma li kien jezisti dan il-bini, ghaliex kien l-avukat tal-konvenut u mbaghad kienet accettat li ssellfu elf lira Maltin (Lm1,000) u cioe' ekkwivalenti ghal elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghax kien ftehem ma' missieru li kien ser ihallas il-permess hu ghax missieru kien weghdu li kien ser itih flat milli kien ser jibni, bil-kundizzjoni li kellu jhallasha lura fi zmien tliet xhur, ghaliex kellha d-dejn taghha.*

*Mhuwiex minnu li kienu marru ghand Dr Gulia u Dr Busuttil minhabba li l-konvenut kien inghata transfer.*

*Tghid li peress li l-konvenut kien jiehu pacenzja bit-tifel taghha, kienet igibu hafna u tirrispettah u ghalhekk kienet tibghatlu l-kartolini. Tghid li kienet tithassru ghaliex kien ighidilha li kien ihossu wahdu u li ma kienx jaqbel ma' hutu*

*u li kien separat. Tghid li kienet kuntenta wkoll li kien gharus. Kien wara li sellfitu l-flus li kien qalilha li kellu tfajla u qatt ma kien igibha mieghu u kienet biss ltaqghet darba maghha hdejn l-Isptar Karen Grech.*

*Il-konvenut kien japproffitta ruhu minhabba li kienet tahdem l-Isptar u kien ikollu bzonn xi appuntament.*

*Kienet titolbu dawn il-flus, meta baqa' ma hallasx, u darba kien hdejn it-tifel taghha, li kien ibati minn tumur f'rasu u faqa' l-gwardarobba. L-attrici kienet talbitu jitlaq mid-dar taghha.*

*Tichad li kien johroghom go xi restaurant, ghaliex ir-restaurant kienet darha ghaliex kienet titimghu.*

*Kien biss fl-14 ta' Lulju 2007 li kien cemplilha sabiex ihallasha mitt lira Maltin (Lm100) u cioe' ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u kienu ltaqghu hdejn il-Phoenicia u hallasha, izda kien saq u laqatha bil-mera tal-karozza peress li telaq b'velocita' qawwija.*

*Tghid ukoll li kienet tatu xi flus ghat-tifel ta' huh ghax qalilha li ma kellhomx flus biex jixtrulu l-halib. Hallsitu tali bajdilha l-kamra u kienet ittih ghaxar liri Maltin (Lm10) u cioe' ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin (€23.29) kull darba li kien joqghod mat-tifel taghha u dan minhabba li kien jonfoq il-petrol.*

*B'kollox kienet sellfet lill-konvenut elf lira Maltin (Lm1,000) u cioe' ekkwivalenti ghal elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u kien biss hallas mitt lira Maltin (Lm100) cioe' ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u mbaghad tghid li fl-4 ta' April 2006 kienu ghamlu karta li fiha l-konvenut kien kiteb l-modalitajiet ta' pagamenti lill-attrici.*

*Ra x-xhieda tal-konvenut li jispjega li kien ltaqa' mal-attrici, l-Fuego bar u kienet qaltlu bil-problemi tat-tifel taghha.*

*Peress li kien suldat, l-attrici kienet semmiet ukoll li riedet twaqqaf l-Ghaqda Dipendenti Suldati u rnexxielha taghmel dan u l-konvenut kien sar membru ta' dina l-Ghaqda u kien f'dan iz-zmien li kien inghata transfer u ghalhekk kien mar mal-attrici ghand Dr Gavin Gulia u Dr Luciano Busuttil. Jichad li kienu marru minhabba xi permessi ta' bini, kif semmiet l-attrici. Kien issemma' li kellu applikazzjoni mal-MEPA.*

*Il-konvenut ighid li kien sar qrib hafna tal-attrici peress li kien jithassarha bil-problemi li kellha bit-tifel u kien iwassalha u jghinha meta kienet mdejqa.*

*Il-konvenut ihoss li l-iskopijiet tal-attrici kienu differenti minn tieghu, ghaliex huwa minnu li kien semma' li hu u missieru kellhom xi bini, pero' qatt ma kien talabha xi flus.*

*Hi kienet qed ossessjonat lit-tifel bil-konvenut, tant u hekk li kien ighajjatlu "daddy." Induna li dan kollu kien gej mill-attrici. Kienet tibghatlu kartolini bi kliem ta' mhabba.*

*Il-konvenut jinsisti li l-attrici harget b'dina l-istorja li l-konvenut kellu jtiha l-flus wara li ltaqghet mal-gharusa tal-konvenut. Ighid li kienet icempillu biex titolbu l-flus, izda kien cert li ma kellux x'jaghti. Imbaghad wara li rcieva ittra minghand l-avukat tal-attrici, kien ha parir legali.*

*Il-konvenut jinsisti li kien dejjem agixxa maghhom ghal gid u peress li kien ihoss ghat-tifel tal-attrici li kien marid. Kien johroghom jieklu fil-festi u gieli bhala ringrazzjament, l-attrici kienet tibghat kartolina b'xi ammont zghir ta' flus.*

*Qatt ma kien imur izur it-tifel b'xi interess. Kien jipprova jferrah lit-tifel tal-attrici bhal meta pingielu fuq l-Liverpool. Ma setax jikkonferma li kollox kien miktub minnu, izda kien kiteb l-ghases tieghu u ma kienux jirrapprezentaw il-modalitajiet ta' pagamenti li kellu jaghti lill-attrici, kif qed tallega hi.*

*Jichad ukoll li kien iltaqa' maghha hdejn il-lukanda Phoenicia u hallasha mitt lira Maltin (Lm100) cioe'*

*ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) a saldu tal-pagament li qed tippretendi.*

*Ra x-xhieda ta' Samantha Zammit, li kienet l-gharusa tal-konvenuta. Tispjega, kif meta kellha bzonn operazzjoni, kienet marret tiltaqa' maghha l-attrici u qaltilha li kienet ser tehodilha hsieb l-appuntament u d-dokumenti li kienet ghadditilha.*

*Pero', damet hafna tistenna l-Isptar u t-tabib ma kienx sab il-karti li kienet ghaddiet lill-attrici, fil-file taghha.*

*L-attrici kienet aktar interessata fir-relazzjoni tax-xhud mal-konvenut u fuq id-dar li kienu qed jibnu flimkien.*

*Wara li ghamlet l-operazzjoni, l-attrici qatt ma regghet ghamlet kuntatt maghha u qatt ma kienet irceviet ir-rizultati tal-operazzjoni.*

*Kien fl-14 ta' Lulju 2007, li kienet irceviet sms minghand l-attrici li kienet talbitha biex jiltaqghu ghax xtaqet tkellimha u li kellha kopja tal-karta tal-gynaecologist. Qatt ma kienet iltaqghet mal-attrici, izda kienet tkellmet mal-konvenut, li kien qallha li l-attrici kienet ivvintat li kellu jghatiha xi flus. L-attrici kienet thares lejn ir-relazzjoni mal-konvenut, aktar minn wahda ta' hbiberija.*

*Minn hemm l-attrici kienet sabet l-indirizz taghha u peress li x-xhud kienet qed tipprova tevitaha, kienet insulentata u ghajritha. Ix-xhud konvinta li kienet l-attrici li hawdet fil-file taghha tal-Isptar.*

*Ra x-xhieda ta' Dr Luciano Busuttil, li kkonferma li kien iltaqa' mal-konvenut xi darbtejn fl-ufficju ta' Dr Gavin Gulia, pero' jghid li qatt ma kien issemma' xi bini u permessi. Jikkonferma li kien hemm darba minnhom meta kien mar mal-attrici u dak iz-zmien, kien suldat fl-Armata u kellu xi problemi u l-attrici kellha x'taqsam b'xi mod mal-Armata.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidra*

*L-attrici fethet dina l-kawza kontra l-konvenut sabiex dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u cioe' ekwivalenti ghal ghal elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan minhabba self.*

*Bejn l-attrici u l-konvenut jidher li kien hemm certu hbiberija, parti minhabba l-fatt, li l-attrici kienet waqqfet l-Ghaqda Dipendenti Suldati u l-konvenut kien suldat, kien hemm ukoll l-mard tat-tifel tal-attrici, fejn il-konvenut kien iqatta' hafna hin mieghu u dan ghaliex kien ihoss ghalih.*

*L-attrici stess tikkonferma li l-konvenut kien jaghmel hafna maghhom, in partikolari mat-tifel. Kien anke jilbes ta' suldat biex jikkuntentah u jghaddilu ftit hin. Tant kien hemm hbiberija mal-konvenut, li sahanistra, il-minuri kien jghajjatlu "daddy."*

*L-istess attrici esebiet diversi kartolini, li kienet tibghat lill-konvenut bhala ringrazzjament ghal dak li kien jaghmel maghhom, u tghid ukoll li gieli kienet tibghat xi flus ma' dawn il-kartolini bhal rigal ghall-konvenut u biex turih li kienet tapprezza dak li kien jaghmel.*

*L-attrici titkellem hafna dwar it-tip ta' relazzjoni li kellha mal-konvenut u ftit li xejn issemmi ghal liema skop kienet sellfet dawn il-flus, issemmi, li l-konvenut ried ihallas ghal xi permess ta' bini, li kien f'isem missieru, izda ma riedx juri lil missieru li ma kellux flus. L-attrici tinsisti li kienet marret mieghu ghand Dr. Gulia sabiex tikkonferma mal-avukat li kien qed isegwi l-applikazzjoni ghal permess, li effettivament kien tezisti dina l-kwistjoni.*

*Madanakollu, il-konvenut pproduca li Dr Luciano Busuttil, li jahdem ma' Dr Gavin Gulia, li spjega li l-attrici kienet akkumpanjat lill-konvenut meta kellu xi problemi fuq ix-xoghol relatati ma' xi transfer.*

*L-attrici, da parti taghha, l-ewwel tghid li Dr Busuttil kien prezenti u mbaghad f'xhieda taghha ulterjuri, tghid li ma kienx, izda kien hemm biss Dr Gulia.*

*L-attrici tghid li kien hemm xi problemi bin-neputi tal-konvenut, ghaliex kien qallha li huh ma kellhomx flus bizzejjed biex jixtru l-halib ghat-tarbija u kienet tatu xi flus.*

*Il-konvenut jinsisti li qatt ma kien hemm self u li dan kollu kien strumentat mill-attrici u ivvintat dina l-istorja, meta saret taf li l-konvenut kellu tfajla, Samantha Zammit, li mix-xhieda taghha, tat ideja lil dan it-Tribunal, li kien hemm atteggjament stramb da parti ta' l-attrici. Din Zammit, kienet konvinta li l-attrici kienet qed tippretendi aktar minn semplicement relazzjoni ta' hbiberija da parti tal-konvenut.*

*L-attrici ma ressqet l-ebda xhieda dwar dan l-allegat self, pero' mill-kartolini li esebiet, dan it-Tribunal huwa konvint li l-attrici kienet qed tispera li jkun hemm aktar minn hbiberija, bejnha u l-konvenut, izda f'hin minnhom kienet taf li qatt ma ser ikun taghha.*

*Dan it-Tribunal jsibha difficli li jemmen li kien hemm self mill-attrici, semmai kellha speranza li fejn setghet ghenet lill-konvenut, u dan kien iwasslu jkun aktar qrib taghha u tiehu r-relazzjoni taghha mal-konvenut fuq livell iehor. Pero', il-pjanijiet taghha gew ostakolati, meta saret taf li kellu tfajla.*

*Dan it-Tribunal mhux konvint li, jekk in pessima ipotesi, l-attrici ghaddiet xi flus lill-konvenut, dan m'ghamlitux b'xi interess. Forsi minhabba li hassitha obbligata, li l-konvenut kien jghaddi hin mat-tifel u jferhu, tant li kien jikkunsidrah bhala missieru.*

*Jekk ghamlet dan, zgur ma setax kien hemm self, ladarba ma kienx obbligu li jigi rifuzi dawn il-flus.*

*L-attrici lanqas ma pproduciet xi karta fejn seta' jigi kkonfermat li kien hemm self. L-uniku dokumenti li gie esebit, kienet karta fejn kien hemm il-kelma "Liverpool,"*

*miktuba u fuq in-naha ta' wara kien hemm xi kitba bil-pinna, fejn il-konvenut ighid li kien kiteb s-shift tieghu tax-xoghol.*

*Fejn kien hemm il-kitba tas-somma ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), it-Tribunal ma jistax jikkonkludi li dan jirrapprezenta l-allegat self li tghid l-attrici.*

*Apparti minn hekk, l-attrici tinsisti li fl-4 ta' April 2006, l-konvenut kien hallasha mitt lira Maltin (Lm100) u cioe' ekwivalenti ghal ghal elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Il-konvenut jichad dan kollu. Ghal darb'ohra, l-attrici naqset li turi xi karta ffirmata mill-konvenut bhala konferma li sar dan il-pagament u ghalhekk, ghal dan it-Tribunal m'hemmx prova soddisfacenti biex tikkonvincih li kien hemm dan il-pagament u self.*

*Il-konkluzjoni li ghalhekk jasal ghaliha t-tribunal hija li l-attrici naqset milli tikkonvicih li verament kien hemm is-self minnha pretiz.*

*Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra taghha."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mary Rose Mifsud datat 11 ta' Lulju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat ir-risposta tal-appell ta' Chris Bugeja (ID 191271M) datata 16 ta' Awwissu 2011 a fol 6 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribubal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attrici appellanti.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-12 ta' Jannar 2011.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-12 ta’ Jannar 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Norma Vella ghall-appellanta prezenti u Dr. Henry Antoncich ghall-appellat li ta ruhu b’ notifikat bl-avviz tas-smigh tal-kawza. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-28 ta’ Gunju 2012.

Rat id-digriet tal-Qorti fejn dan l-appell gie rikjamat ghas-26 ta’ Gunju 2012 ghall-istess.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet premessi datata 27 ta’ Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li t-Tribunal kellu provi bizzejjed sabiex jasal sabiex jemmen il-versjoni attrici li hija kienet silfet lill-konvenut l-ammont ta’ €2,096.44 mertu tal-kawza odjerna, u dan ghaliex ghalkemm ma kienx hemm skrittura privata, li lanqas hija mehtiega *ad validatem* xorta wahda kien hemm provi bizzejjed sabiex tigi ppruvata l-versjoni attrici u f’dan il-kuntest l-attrici ssemmi li t-Tribunal ma ikkonsidrax (a) il-fatt li meta darba l-attrici talbitu l-flus lura l-konvenut kienet kisser il-gwardarobba; (b) li kien hallas s-somma ta’ Lm100 akkont meta ltaqghu hdejn il-lukanda Phoenica; (c) li dak in-nhar kienet kitbet ricevuta tal-istess ammont li kienet giet maghffga mill-appellat; (d) irrizulta skond l-appellant li l-flus gew mislufa lill-appellat sabiex ihallas ghall permess tal-bini ta’ proprjeta ta’ missierhu; (e) gie ppruvat li l-attrici kienet talbet il-flus lura lill-konvenut ghaliex hekk kien il-ftehim u mhux ghaliex saret taf li l-konvenut kien gharus, tant li l-konvenut stess jghid li lill-attrici mill-ewwel qalilha li huwa kien gharus; (f) it-Tribunal sostna li l-attrici ma resqet ebda xhieda ta’ dan is-self, u dan ma kellux jittiehed kontra l-attrici ghaliex meta silfet

dawn il-flus lill-konvenut ma kien hemm ebda xhud; (g) kien inkorrett ukoll skond l-attrici t-Tribunal meta qal li jekk hija ghaddiet xi flus lill-konvenut dan ghamlitu bla interess u dan ghaliex il-flus li saru kienu ghall-self.

Illi din il-Qorti rat il-provi kollha prodotti quddiem it-Tribunal u thoss li l-apprezzament li ghamel it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar f'dan ir-rigward sar fil-parametri tal-provi prodotti quddiemu, u allura l-istess Tribunal bhal l-organu gudizzjarju li semgha il-provi kien fl-ahjar posizzjoni li jezamina l-istess u ma jirrizultax li dan huwa kaz fejn din il-Qorti bhala Qorti tal-Appell ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha f'dak li huwa apprezzament tal-provi ghall dik tat-Tribunal u dan ghaliex ma hemmx ragunijiet gravi sabiex issir dan (**"Louis Mifsud vs Maria armla ta' Mikiel Aquilina et"** (A.I.C. (RCP) – 19 ta' Ottubru 2011); **"Mark Gauci vs Joseph Camilleri"** (A.I.C. (PS) – 20 ta' April 2006); **Vol. XXXVIII.i.230; Vol. XXVII.i.344)** u **"Raymond Calleja vs Joseph Sammut"** A.I.C. (PS) – 22 ta' Jannar 2010) fejn inghad li:-

*"Hi opinjoni prevalenti tal-Qorti tal-Appell f'materja ta' censura ta' l-apprezzament tal-provi illi l-valutazzjoni tar-rizultanzi fattwali ma hijiex, in linea ta' principju, soggetta ghar-revizjoni minn din il-Qorti jekk mhux fil-limiti ta' l-iskontru ta' mankanza, insufficjenza, jew kontradittorjeta' tal-motivazzjoni jew tar-ragunijiet verament gravi. Fil-kumpless, ir-raguni l-aktar preponderanti moghtija in tema ta' dan l-istess principju hi dik li l-apprezzament tal-fatti hu rizervat mill-ligi lill-qorti jew tribunal fil-mertu u dak il-gudizzju minn dawn fuq l-attendibililta' u l-kredibilita' taghhom. Gudizzju dan li jippermetti lill-qorti ta' l-ewwel istanza li taghmel mill-matassa tal-provi ghazla taghha ta' dak l-element probatorju li hi tirritjeni bhala l-aktar wiehed idoneu ghall-konvinciment taghha u ghas-sostenn tad-decizjoni pronunzjata".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **"Victor Vella vs Joseph N. Tabone nomine"** (A.C. – 22 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li:-

*"Huwa principju assodat fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni li tkun ezercitat il-Qorti ta' l-ewwel istanza jekk mhux ghar-ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korret ikun sejjer jikkawza ngustizzja cara lill parti l-ohra".*

Illi f'dan il-kaz u wara li din il-Qorti rat l-atti kollha processwali jirrizulta li l-versjoni attrici hija kontradetta fuq kollox mill-konvenut, u ma hemm fil-fatt ebda prova ohra ta' xejn li tissostanzja l-allegazzjoni attrici dwar l-allegat self. Fil-fatt il-punti kollha li ressqet l-attrici f'dan l-appell lanqas biss gew ippruvati, tant li per ezempju lanqas provdiet l-allegata ricevuta li hija qalet li lestiet ghall-hlas ta' Lm100, lanqas ipproduciet lil Dr. Gavin Gulia, li semmietu kemm il-darba bhala l-persuna li marret ghandu mal-konvenut sabiex tikkonferma li l-konvenut kellu bzonn il-flus ghal permess, anzi jirrizulta li rrinunzjat ghall-istess xhud; ma resqet l-ebda prova ta' kif tat il-flus lill-konvenut u lanqas spjegazzjoni kif mara b'tali diffikoltajiet serji li hija spjegat u li wkoll kellha xi dejn xi thallas taqbad u ssellef Lm1,000 lill-konvenut, meta kellha bzonnhom hija.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li mhux l-istess attrici ma ssodisfatx l-grad ta' prova li kien jinkombi fuqha izda l-verzjoni taghha lanqas hija verosimili ghaliex la darba hija allegat certi fatti vjolenti fil-komportament tal-konvenut lejha, u la darba l-istess konvenut skond hija mexa tant hazin maghha wara li hija selfitu l-flus, ma hemm l-ebda spjegazzjoni ghaliex hija ma rraportatux mal-pulizija dwar l-incidenti minnha allegati, nkluz dak fejn tghid li kisser jew faqa' gwadrobba, li lanqas dwar dan ma gabhet almenu ritratt. Mela allura jidher li l-attrici kellha mezzi sabiex kieku vera tipprova b'xi mod tikkorroborha l-verzjoni taghha, izda hija naqset li taghmel dan, u din il-Qorti wara li ezaminat hija stess ix-xhieda kollha prodotta thoss li l-attrici ma ppruvatx fil-grad rikjest mill-ligi l-vantazzjoni taghha u ghalhekk l-apprezzament li sar mit-Tribunal tal-provi quddiemu kien korrett u gust u li t-Tribunal seta` jasal ghalih fid-dawl tal-provi li kellu quddiemu. B'hekk l-appell qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-appellat Chris Bugeja datata 16 ta' Awwissu 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti Mary Rose Mifsud fir-rikors tal-appell taghha datat 11 ta' Lulju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b'dan li din il-Qorti qed tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "Mary Rose Mifsud vs Chris Bugeja" (Talba Numru 300/08/GMA) datata 27 ta' Gunju 2011.**

**Bl-ispejjez kontra l-appellanti Mary Rose Mifsud.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------